DEĊIŻJONI (UE) 2021/1462 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tat-8 ta' Settembru 2021

li taħtar Imħallef tal-Qorti Ġenerali

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' tlieta u għoxrin Imħallef tal-Qorti Ġenerali skadew fil-31 ta' Awwissu 2019.

(2) F'dan il-kuntest, is-Sur Pēteris ZILGALVIS ġie propost għall-kariga ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali.

(3) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dan il-kandidat għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali.

(4) Jenħtieġ għalhekk li jinħatar is-Sur Pēteris ZILGALVIS għall-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Awwissu 2025,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Pēteris ZILGALVIS huwa b'dan maħtur Imħallef tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Awwissu 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2021.

Il-President
I. JARC